TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 62/17/F

**Michael Mercieca u Ruth Calleja**

**vs**

**Orange Travel Group Limited**

Illum 21 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 t'April, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mija u disgħa u għoxrin ewro u tmien ċenteżmi (€1,129.08), rappreżentanti diversi lmenti meta marru fuq il-cruise abbord Costa Neo Classica.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew illi huma kienu bbukjaw cruise fuq il-Costa Neo Classica u lmentaw fuq diversi affarijiet, fosthom illi riedu jibbukjaw kabina bit-tiequ u qalulhom li ma kienx hemm u li kien hemm waiting list, kien hemm Squok Club għat-tfal u peress li ma kienx hemm biżżejjed tfal dan l-iSquok Club ma ħadimx. Illi l-excursions kienu kollha bil-Ġermaniż u bit-Taljan, u t-tifla ta' disa' snin ma tifhimx dawn il-lingwi, u li bidlu l-postijiet tal-cruise minħabba l-maltemp meta fil-fatt ma kienx hemm maltemp. Illi meta talbu għal xugamani u mħaded żejda, ma ngħatawx. Kien hemm ilment fuq id-dress code li ma kinux infurmati biżżejjed dwaru.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kieku kellhom kabina bit-tieqa available kienu jagħtuhielhom, u allura dak l-ilment mhux ġustifikat. Ukoll issottomettiet illi l-excursions ma bbukkjawhomx *tramite* s-soċjeta' ntimata, imma bbukkjawhom direttament, u jirriżulta li ma kienx hemm ilmenti mar-reception, u li hemm kundizzjonijiet meta jiffirma l-klijent, illi l-kaptan jista' jibdel il-port skond iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu.

It-Tribunal, jinnota li ma ġabux raġunijiet ġustifikanti sabiex bidlu l-port speċjalment li suppost kellu jkun hemm xi maltemp, kif ukoll huwa diżappuntat dwar l-iSquok Club li meta tirreklama u mbagħad ma tagħmlux għax m'hemmx biżżejjed tfal huwa diżappuntanti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn ewro (€200) *in toto*, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**